MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Numru. 790/2003

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
CARMEL BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Borg, ta’ 57 sena, bin Paul u Felicia nee’ Mercieca, imwieled B’Kara fl-1 ta’ Settembru 1946, u residenti Numru 96, Triq il-Kbira, Birkirkara, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 736246(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-23 t’Awissu 2003 gewwa Triq il-Wied, B’Kara:
(1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Raymond Mallia (ID 552463(M)), liema feriti huma ta’ natura gravi, hekk kif iccertifika t-tabib Dr Andrew Zammit MD, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 216 sub inciz 1(II & III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Raymond Mallia, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imputat Carmel Borg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, ai termini ta' l-Artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod specjali ghax-xhieda ta' Raymond Mallia, a fol 9-13, jirrizulta illi Raymond Mallia kien ilu jircievi telefonati anonimi ghal sentejn qabel il-proceduri odjerni, izda fl-ebda hin ma kien ghamel rapport lill-Pulizija. Mallia kkonferma illi huwa qatt ma rcieva t-telefonati personalment, ghaliex min icempel, kien jindirizza t-telefonati lill-mara tieghu. Illi huwa kellu suspett illi dawn it-telefonati kienu gejjin minn certu Anglu Borg u l-mara tieghu, u ghaldaqstant, darba minnhom ikkonfrontah.

F'dan il-konfront, Raymond Mallia kien qal lil Anglu Borg illi kien qeridlu l-familja tieghu, u li martu waslet biex titilqu. Borg wissieh biex joqghod attent kif qed jitkellem, u nqabad argument, Raymond Mallia stqarr illi beda joffendi lil Anglu Borg, u Borg offendieh lura. Sahansitra gew fl-idejn, u firduhom in-nies.

Raymond Mallia xehed illi huwa mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija fuq dak kollu li kien ghadda minnu.

Xi tlett gimghat wara, Raymond Mallia jghid li kien qieghed il-Hippo Bar, li kien mimli nies, meta ltaqa’ ma’ l-imputat Charles Borg li jigi hu Anglu Borg. L-imputat kien infurmah illi huwa (Mallia) kien offendieh, Mallia talbu biex jghidlu fejn kien offendih. L-imputat offrielu te’ sabiex ikunu jistghu jiddiskutu din il-haga. Raymond Mallia xehed illi huwa kien baqa’ jargumenta ma’ l-imputat, anzi fakkru li sa jumejn ilu, l-istess imputat kien tah u offrielu ghajnuna rigwardanti l-karozza tieghu li kienet bil-hsara, u f’hin minnhom, Raymond Mallia jghid li dawwar wiccu u kif rega’ hares lejn l-imputat, dan faqqaghlu daqqa ta’ ponn f’wiccu u tajjarlu tlett sinniet. Dan kien gara fit-23 t’Awissu, lejliet Sant’Elena. Raymond Mallia gharaf lill-imputat prezenti fl-awla, bhala l-persuna li aggredietu.

Spettur Dennis Theuma, a fol 14-16, ikkonferma illi Raymond Mallia, il-kwerelant, kien ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija li l-imputat beda jakkuzah li offendieh, fakkru f’argument illi l-kwerelant kellu ma’ certu Anglu Borg, (li jigi kugin l-imputat), u li l-imputat xejjirlu daqqa ta’ ponn f’wiccu, u kkagunalu griehi ta’ natura gravi.

L-imputat gie nterrogat fil-prezenza ta’ WPC 157 Stephanie Zammit, u f’din l-istqarrija, l-imputat ikkonferma illi l-kwerelant kien ilu jaqla’ qlajjiet foloz fuq il-kugin tieghu Anglu Borg, u jghid illi dan l-istess Anglu Borg kien qed jibaghtlu ittri anonimi, li bihom kien kissirlu z-zwieg tieghu. L-imputat stqarr illi fit-23 t’Awissu, huwa kien ilu jixrob minn filghodu, kien lemah lil Raymond Mallia, mar fuqu bil-kelma t-tajba biex jitolbu r-raguni ghalfejn kien qed joffendi lilu u lill-familja tieghu, l-imputat stqarr illi jiftakar li kien gholla jdejh fid-direzzjoni ta’ Raymond Mallia izda ma jiftakarx li tah daqqa ta’ ponn u kissirlu snienu. Ftakar pero’, li ra xi demm ma’ xufftejn il-kwerelant. L-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala dokument DT u tinstab a fol 17-19 tal-process.

Gew esebiti wkoll certifikat mediku dokument DT1 a fol 20, rilaxxat minn Dr Andrew Zammit MD tal-Mosta Health Centre. Gie esebit ukoll dokument DT2 a fol 21, certifikat

rilaxxat minn Dr Adam Bartolo MD, mid-Dipartiment tal-Kirurgija Dentali.

Raymond Mallia, a fol 22, fit-tieni xhieda tieghu, xehed illi huwa jmur regolarment ghand id-dentist u li dawn is-snien li tilef, kienu snien intatti. Cahad illi kellu xi snien li kienu jiccaqalqu, u qal illi l-hniek kienu b’sahhithom. Mistoqsi, Raymond Mallia kkonferma illi mad-daqqa, xufftejh ma’ garrbu l-ebda qsim izda ntefhu ftit.

PS 201 Sandro Magri, a fol 24, esebixxa l-okkorrenza dokument PS, li tinstab esebita a fol 25-27 tal-process.

WPC 157 Stephanie Zammit Borg, a fol 28, ikkonfermat l-istqarrija ta’ l-imputat, dokument DT, u l-prezenza taghha waqt it-tehid ta’ l-istess stqarrija li saret wara li nghatat is-solita twissija.

Anglu Borg, a fol 30, ikkonferma li kienu ghaddejjin proceduri kriminali kontra tieghu u kien indeciz ghandux jixhed.

Fit-tielet xhieda ta’ Raymond Mallia, a fol 32 et seq, xehed dwar il-frekwenza li huwa kien jattendi ghand id-dentist, esebixxa dokument RM li hija ‘acrylic partial upper denture’ ghal tliet sinniet ta’ quddiem illi huwa tilef waqt l-incident. L-ammont totali tad-dentatura kienet ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50).

Dr Andrew Paul Zammit, a fol 36, ikkonferma illi huwa kien ra lil Raymond Mallia fit-23 t’Awissu 2003, ikkonferma c-certifikat dokument DT1 a fol 20, u t-telf ta’ zewg sinniet ta’ quddiem tax-xedaq ta’ fuq, waqt illi sinna ohra ta’ quddiem kienet qed ticcaqlaq u dghajfa hafna. Zammit ikklassifika dawn il-griehi bhala gravi.

A fol 38, Dr Adam Bartolo, Dentista fl-Isptar San Luqa, ikkonferma li kien ra lil Raymond Mallia, il-kwerelant, ikkonferma c-certifikat tieghu a fol 21, u xehed fil-Qorti illi huwa mbaghad kien rah flimkien ma’ Dr Maria Brincat, fl-Isptar San Luqa, fejn sarlu ‘splint’ fuq dik is-sinna illi kienet qed ticcaqlaq, fi sforz biex isalvaw l-istess sinna. **Dr**

**Adam Bartolo kkonferma illi l-hniek ta' l-imputat kienu morda u li ghalkemm ma setax ikun f'pozizzjoni jghid kemm kienu morda dawk is-sinniet li ntilfu, pero' seta' jghid illi s-snien l-ohra kollha kellhom 'gum disease'. Ikkonferma illi:**

**'one of the signs of gum diseases is in fact mobility, ghax what happens il-gum disease, the bone around the tooth tinzel ftit, allura s-sinna ma tantx ikollha bazi soda…' (ara fol 39).**

A fol 40, Dr Bartolo xehed:

**'Le, il-fatt illi kellu an appreciable ha nghidu hekk, amount of periodontal disease is only a result of speci 'poor oral hygiene'.**

Mitlub jghid kif allura din tista' taffetwa trawma fuq is-snien, Dr Bartolo jispjega:

**'Per ezempju what is speci statistical, sinna ta' adult meta taqla' daqqa, aktar hemm cans illi tinkiser, ghax ir-retention tas-sinna ma' l-ghadma hija b'sahhitha hafna normalment, jigifieri aktar hemm cans illi tinqasam is-sinna u tibqa' bicca minnha gewwa. In his case, a different thing happened, li s-sinna tant kemm kienet forsi weak, imqabbda ma' l-ghadma, flok inqasmet is-sinna, inqalghet mill-halq, jigifieri inqalghet shiha, jigifieri that is the way li forsi l-gum disease affetwat kif zvolga l-inciddent.' (ara fol 40).**

A fol 41, Dr Bartolo ta spjegazzjoni ta' l-'alternative treatments' illi l-kwerelant jista' jkollu, izda qal ukoll illi 'implants' ma jkunux possibli, minhabba li l-kwerelant kien 'a sigarette smoker', illi 'crown' ma tistax issir ghax m'hemmx l-gherq tas-sinna, u sabiex issir 'bridge', din trid tigi sapportata minn snien **ohra illi jkunu b'sahhithom.**

Dr David Debono, a fol 46 et seq, ikkonferma dokument RM a fol 33 tal-process, bhala c-certifikat rilaxxat minnu. xehed illi huwa kien ghamel 'a temporary plate' sabiex jirrestawra z-zewg sinniet illi tilef il-kwerelant, u dan kien

b’mod temporanju ghax kien hemm bzonn trattamenti ulterjuri. Dr Debono kkonferma illi l-kwerelant kien ‘a sigarett smoker’, ikkonferma illi l-kwerelant kien qed ibati minn ‘gingivitis’, cioe’ ‘gum disease’ li hija komuni hafna, specjalment ghal min ipejjep. Dr Debono kkonferma illi t-tielet sinna li kienet splintjata ma haditx, u din intilfet ukoll.

A fol 49, Dr Debono xehed illi fin-nuqqas tad-daqqa illi allegatament qala’ l-kwerelant, l-istess kwerelant ma kienx ser jitlef snienu f’qasir zmien. Dr Debono xehed illi l-ahjar soluzzjoni ghall-kwerelant kien li jsirlu ‘bridge’, u din ser tkun tiswa’ mad-disa’ mitt Lira Maltin (Lm900).

Profs Portelli esebixxa r-relazzjoni tieghu a fol 52-55.

A fol 57, Profs Portelli kkonferma r-relazzjoni tieghu, u kkonferma illi l-kundizzjoni tal-hniek tal-kwerelant kienet stabbli, u li ghalkemm kien hemm certu movimenti tas-snien, dan kien ‘very slight mobility’.

Dr Paul Chetcuti Caruana, a fol 63, Dentist li jahdem mal-Gzira Health Centre, ikkonferma illi Raymond Mallia kien wiehed mill-pazjenti tieghu, ikkonferma li ghal xi snin partikolari, **il-kwerelant kellu l-hniek morda u whud mis-snien kellhom jinqalghu,** u dawn kienu l-‘first and second premolars’. Dr Chetcuti Caruana xehed illi sa Mejju 2002, il-kwerelant kien jattendi l-‘clinic’ ghat-tindif ta’ snienu darba kull sitt xhur, u li kien hemm prezenza ta’ ‘periodontal disease’. Ir-‘records’ tieghu gew esebiti bhala dokument RMA a fol 66 u 67.

L-imputat, fix-xhieda tieghu a fol 74 et seq, ikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, u cioe’ dokument DT a fol 17-19. L-imputat xehed illi l-kwerelant kien gie quddiemu, u hu kien talbu jghidlu jekk kemm-il darba qattx kien offendieh. Illi sussegwentement, gholla idu u laqtu u ra xi ftit demm ma’ xufftejn il-kwerelant. Ma ra ebda snien imtajjra. L-imputat innega illi tah daqqa ta’ ponn b’mod frontali, innega illi l-kwerelant waqa’ ma’ l-art jew li rah jahbat halqu ma’ xi mkien. A fol 76, l-imputat innega b’mod vociferu illi tah daqqa ta’ ponn, pero’ kkonferma illi

dik il-gurnata kien xorob sew u kien ha xi tlettax-il whisky u birra.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti, m'hemm dubju ta' xejn illi l-imputat, li kien xorob kwantita' konsiderevoli ta' xorb alkoholiku, li kien baqa' jirrumina fuq l-offiza fuq il-familja ta' kuginuh da parti tal-kwerelant, rinfaccjat bil-persuna tal-kwerelant fl-istess hanut tax-xorb, tilef il-kontroll u aggredixxa lill-istess kwerelant.

Din il-Qorti temmen illi filfatt l-imputat verament aggredixxa lill-istess kwerelant, u mhux semplicement laqtu kif jghid fl-istqarrija tieghu, meta gholla jdejh. Infatti l-imputat stess jghid illi wara li ntlaqat il-kwerelant, l-istess imputat stqarr illi ra dmija hierga minn halq il-kwerelant. Konsegwenza ta' din id-daqqa ta' ponn, il-kwerelant tilef tlett sinniet ta' quddiem.

Illi l-Qorti rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*'(1) L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*
*(a) jekk tista' ggib periklu –*
*(i) tal-hajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-mohh;*
*(b) jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz.'*

Illi fil-kaz in ezami, id-dentisti kollha li xehdu f'dan il-kaz, b'mod specjali ghal dak li jghid Dr Andrew Paul Zammit, a fol 36 et seq, it-telf ta' snien ta' quddiem ghandha tigi klassifikata bhala ferita ta' natura gravi.

Illi din il-Qorti taqbel u tifhem illi t-telf ta’ snien ta’ quddiem jaqghu mhux biss taht il-klassifikazzjoni ta’ l-Artikolu 216(1)(a)(ii)(iii), izda wkoll jaqghu taht l-Artikolu 216(1)(b).

Illi l-Qorti, fl-apprezzament tax-xhieda ta’ dan il-kaz, b’mod specjali bl-apprezzament tax-xhieda tad-dentisti kollha li ddeponew f’dan il-kaz, kif ukoll ir-rapport ta’ Profs Portelli u x-xhieda tieghu, hi tal-fehma illi fiz-zmien illi sehh dan l-incident, il-kwerelant kien ibati minn ‘periodontal disease’, cioe’ mard tal-hniek, u li b’kagun taghha, is-snien jibdew jiccaqalqu u anke jperpru, u dan minhabba illi l-ghadam li jzommu l-gherq tas-sinna jinxtorob u ghaldaqstant, l-ghadam tas-sinna ma jkunux f’pozizzjoni li jzommu ferm is-sinna.

Il-kagun ta’ dan il-‘periodontal disease’ huwa ‘very poor dental hygiene’, u cioe’, stat ta’ fatt fejn wiehed ma jahsilx snienu sew matul il-gurnata, u b’mod regolari. Huwa evidenti illi dan il-‘periodontal disease’ jew mard tal-hniek, ma jizviluppax fuq perjodu ta’ granet imma jizviluppa fuq perjodu ta’ xhur u anke snin, u dan l-istat ta’ fatt gie mtenni kemm minn Dr Adam Bartolo a fol 38 et seq, kif ukoll minn Dr David Debono a fol 46 et seq, u anke minn Dr Paul Chetcuti Caruana a fol 63 et seq.

Fir-rigward ta’ l-ahhar dentist, minkejja dak illi jirritjeni Dr Paul Chetcuti Caruana, u cioe’ illi l-kwerelant kien izomm ‘check ups’ regolari mill-1999 ‘l quddiem, ir-‘records’ esebiti bhala dokument RMA a fol 66 u 67 ma jirriflettix dan l-stat ta’ fatt. Minn dawn ir-‘records’ jidher illi minkejja illi l-kwerelant kellu hames appuntamenti fis-sena 1999, il-kwerelant ma jidhirx li mar ghand id-dentist mill-1999 sal-5 t’April 2002.

Illi dan l-stat ta’ fatt, cioe’ l-mard tal-hniek tal-kwerelant, kif ukoll il-fatt illi huwa jpejjep, jaghtu ‘prognosis’ xejn favorevoli ghall-kwerelant, fis-sens illi ‘implants’ ma jsirux fuq persuna illi tpejjep, u waqt illi ghar-rigward ta’ ‘bridge’, dan jista’ jsir biss fi prezenza ta’ snien adjacenti ghal dawk illi ntilfu, li jkunu fi stat tajjeb ta’ sahha, u dan sabiex ikunu jistghu jiehdu l-‘stress’ tat-tliet sinniet foloz illi jitwahhlu maghhom.

Illi l-stat ta’ sahha tal-hniek ta’ l-imputat, u l-mobilita’ tas-snien illi xehdu fuqhom id-dentisti f’dan il-kaz, iwasslu lil din il-Qorti biex tafferma l-prezenza ta’ ‘a supervening accidental cause’, li kkontribwiet biex ipproduciet l-effetti msemmija fl-Artikolu 216.

Infatti, fix-xhieda tad-dentist Dr Adam Bartolo, a fol 40, intqal precizament is-segwenti:

**‘Per ezempju what is speci statistically, sinna ta’ adult meta taqla’ daqqa, aktar hemm cans li tinkiser ghaliex ir-retention tas-sinna ma’ l-ghadma hija b’sahhitha hafna normalment. Jigifieri aktar hemm ic-cans li tinqasam is-sinna u tibqa’ bicca minnha gewwa. In his case (fil-kaz tal-kwerelant), a different thing happened, li s-sinna tant kemm kienet forsi weak imqabbda ma’ l-ghadma, flok inqasmet is-sinna, inqalghet minn mal-halq, jigifieri nqalghet shiha, jigifieri this is the way li forsi l-gum disease affetwat kif svolga l-incident.’**

Meta Qorti tasal biex tafferma l-prezenza ta’ ‘a supervening accidental cause’ li kkontribwixxa ghal l-effetti konsegwentali ta’ feriti ta’ natura gravi, kif filfatt qed taghmel din il-Qorti f’dan il-kaz, allura l-piena tonqos minn wiehed sa zewg gradi.

Illi in oltre, kemm fit-testimonianza tal-kwerelant u kif ukoll fl-istqarrija ta’ l-imputat, il-vjolenza da parti ta’ l-imputat fuq il-kwerelant giet preceduta minn argument bejn il-partijiet, argumentaw b’vuci gholja fil-hanut illi ovvjament jaqa’ taht il-klassifika tal-ksur ta’ bon ordni u paci pubblika.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 216(1)(a)(ii)(iii) u (b), 219, 338dd u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal erba’ xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz; il-fatt illi l-imputat huwa penzjonant u ghandu fedina penali nadifa, u

ghaldaqstant, zgur illi piena karcerarja mhux indikat fl-sfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------